**264. Il-Prim Ministru, l-Onor. Eddie Fenech Adami ppropona:-**

Billi fil-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Laeken f'Diċembru 2001 ġie deċiż li tiġi msejħa Konvenzjoni magħmula mill-partijiet prinċipali involuti fid-dibattitu dwar il-Futur ta' l-Unjoni Ewropea u ġie deċiż ukoll li l-pajjiżi kandidati għal sħubija jkunu rappreżentati bl-istess mod bħall-Istati Membri, jiġifieri rappreżentant wieħed tal-Gvern u żewġ membri tal-Parlament Nazzjonali;

U billi Malta hija pajjiż kandidat għal sħubija fl-Unjoni Ewropea u għalhekk ġiet mistiedna biex tipparteċipa fl-istess Konvenzjoni;

U billi din il-Kamra taqbel li l-Futur ta' l-Unjoni Ewropea huwa ta' interess immedjat għal Malta;

Din il-Kamra taqbel li l-Gvern għandu jipparteċipa b'rappreżentant tiegħu u sostitut, u li din il-Kamra tkun rappreżentata fl-istess Konvenzjoni b'żewġ rappreżentanti nominati preferibbilment wieħed mill-Prim Ministru u ieħor nominat mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni kif ukoll żewġ sostituti magħżula bl-istess mod.

23.01.02